**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**(GHAWDEX)**

**IMHALLEF ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 87/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Paul Vassallo )**

**Vs**

**GEORGE ZAHRA**

**Illum, 28 ta' Gunju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha George Zahra gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-4 ta' Gunju, 1998, ghal habta tas-7.15 p.m., fil-fond 'Madonna ta' Pinu', Triq Santa Duminka, Ghawdex, u bhala persuna li f' isimha ghandha licenzja sabiex topera ta' mastrudaxxa, (**1**) kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja billi ghamel xoghol ta' Spray Painting minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u (**2**) fl-istess data, hin u post, hadem sengha li tista' ddejjaq lill-girien jew li tista' tkun kagun ta' hruq jew ta' esplozzjoni qawwija jew ta' rwejjah li jghamlu hsara lis-sahha.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fit-18 ta' April, 2001, li biha sabet lill-George Zahra hati w kkundannatu ghall-hamsin lira Maltin (Lm50) Multa.

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess George Zahra datat 3 ta' Mejju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma, jekk hemm bzonn, is-sentenza tal-fuq imsemmija Qorti tas-7 ta'Frar, 2001, fl-istess ismijiet, li ghaddiet in gudikat li permezz taghha huwa kien gie liberat mill-ewwel akkuza odjerna, u tirrevoka dik tat-18 ta' April, 2001, fil-kumplament taghha, cioe' fejn instab hati fuq it-tieni imputazzjoni, u b'hekk jigi liberat minn kull akkuza, piena w htija, jew, alternativament, f' kaz ta' htija, tghati piena li tghamel aktar ghal kaz prezenti.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda prodotti bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-**ewwel aggravju** ta' l-appellant George Zahra jikkoncerna l-ewwel akkuza li hu jghid li qatt ma setgha jinstab hati taghha stante li gja' kien gie misjub mhux hati fuq din l-istess akkuza w lliberat minnha b'sentenza ta' l-ewwel Qorti tas-7 ta'Frar, 2001.

Hawnhekk l-appellant ghandu ragun. Din l-ewwel akkuza kienet giet definittivament deciza mill-ewwel Qorti (stante li ma kienx hemm appell minn dik id-decizjoni) b'sentenza taghha tas-7 ta' Frar, 2001, liema sentenza qedha fl-atti w li din il-Qorti rat. Ghalhekk ma hemm assolutament xejn aktar x' jinghad f' dan ir-rigward. Sfortunatament, is-sentenza appellata, dik tat-18 ta' April, 2001, ma taghmel ebda riferenza ghal dan il-fatt. Anzi, mill-qari ta' din is-

sentenza jidher li l-ewwel Qorti kienet qed issib htija fiz-zewg akkuzi addebitati lill-George Zahra w li gie kundannat fuqhom Multa ta' Lm50. Hu ferm ovvju li dan ma setghax isir legalment l-ghaliex l-ewwel akkuza kienet gja' ghaddiet in gudikat. Dan l-ewwel aggravju huwa ghalhekk milqugh.

It-**tieni w t-tielet aggravji** ta' l-appellant George Zahra jistghu jigu trattati simultaneament l-ghaliex huma ripetittivi w fil-fatt huma aggravju wiehed. Hu jissottometti li ma tressqet ebda prova li hu kien qed jaghmel xi attivita' kummercjali ghal skop ta' negozju, u jghid li b' dak li kien ghamel ma seta' qatt jikkrea xi inkonvenjent lill-girien tieghu. Din il-Qorti ezaminat il-provi sewwa w tara li effettivament l-appellant kien ghamel xi ftit xoghol personali ta' spray painting. Hu minnu li f'dak li ghamel ma kienx qed jaghmlu ghal skop ta' qligh jew taht xi forma ta' attivita' kummercjali. Dwar l-inkonvenjent, il-Qorti tara li l-provi juru li kien ferm improbabbli li b' dak li ghamel l-appellant kien qed johloq xi inkonvenjent lil min rrappurtah u dan minhabba distanza konsiderevoli bejn iz-zewg nahat. Huwa aktar verosimili li l-kwerelant Galea rreagixxa b' dan il-mod l-ghaliex, kif ikkonstatata l-perit tekniku nominat mill-ewwel Qorti, kien ferm rrabbjat li l-pulizija kienet harget licenzja lill-appellant minghajr ma kienet ikkonsultat mieghu jew ottjeniet il-permess tieghu minn qabel. F' kazijiet bhal dawn il-Qorti trid toqghod ferm attenta li l-kwistjoni kollha ma tkunx biss xi forma ta' vendikazzjoni , aktar u aktar meta l-ilment tal-inkonvenjent ikun gej minn xi garr wiehed biss li jista' jkollu xi interess egoistiku li jipprova iwaqqaf dik l-attivita'. Il-Qorti kienet tkun f' posizzjoni ferm aktar tajba li kieku kien hemm ilmenti minn aktar girien apparti Natalina Galea. F'tali cirkostanzi, il-Qorti tara li in bazi ta' dawn il-provi hekk limitati w ristretti, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legittimament tasal biex issib htija fl-appellant.

Ghal dawn il-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell ta' George Zahra u tirrevoka w thassar is-sentenza appellata, dik tat-18 ta' April, 2001, biex b' hekk l-istess George Zahra qed jigi liberat minn kull akkuza, htija w piena.